European Commission

# SKEDA INFORMATTIVA TEMATIKA TAS-SEMESTRU EWROPEW

# L-IMPJIEG TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

## 1. INTRODUZZJONI

L-għoti tal-għajnuna liż-żgħażagħ biex jidħlu fis-suq tax-xogħol u jibqgħu fih hu parti essenzjali mill-politiki li jippromwovu t-tkabbir ekonomiku u l-kondizzjonijiet tal-għajxien aħjar. Tali attivazzjoni u integrazzjoni sostenibbli taż-żgħażagħ huma strumentali wkoll għall-ilħiq tal-mira dwar l-impjiegi tal-Ewropa 2020[1].

It-**tranżizzjoni taż-żgħażagħ mill-iskola għax-xogħol** hi mifnija bi sfidi speċifiċi. Ir-riżultat hu rati ta' impjieg relattivament baxxi, qgħad għoli u rati għoljin ta' żgħażagħ li huma barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs). Il-qgħad fost iż-żgħażagħ hu aktar sensittiv għaċ-ċiklu tan-negozju mill-qgħad fost l-adulti. Peress li jkunu għadhom deħlin ġodda b'esperjenza ta' xogħol limitata, iż-żgħażagħ għandhom anqas probabbiltà li jsibu impjieg, spiss jiġu impjegati permezz ta' kuntratti temporanji u part-time jew ikunu qed ifittxu taħriġ prattiku, u jingħataw is-sensja aktar faċilment jekk iċ-ċiklu ekonomiku jkun dgħajjef.

Barra minn hekk, f'ħafna Stati Membri, numru għoli ta' ħaddiema żgħażagħ għandhom kuntratti temporanji involontarji, u spiss f'dawn il-każijiet isibu diffikultà fit-tranżizzjoni lejn impjiegi permanenti. Madankollu, in-natura tax-xogħol temporanju u tal-opportunitajiet għas-sejbien ta' impjieg permanenti u stabbli li dan joffri liż-żgħażagħ tvarja ħafna bejn il-pajjiżi. Prevalenza kbira ta' kuntratti temporanji għaż-żgħażagħ tista' tkun ir-riżultat tal-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, jew perjodu ta' prova[2].

Il-livelli ta' **impjieg, ta' qgħad u ta' inattività fost iż-żgħażagħ** huma ferm influwenzati mis-sitwazzjoni makroekonomika. Iżda dawn jista' jkollhom kawżi importanti wkoll fil-karatteristiċi strutturali tat-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol. Dawn il-fatturi strutturali jinkludu:

- eżiti mhux sodisfaċenti tas-sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ;
- segmentazzjoni tas-swieq tax-xogħol li taffettwa liż-żgħażagħ b'mod partikolari, u
- il-kapaċità baxxa tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi biex jipprovdu servizzi mfassla apposta għaż-żgħażagħ u l-isforzi limitati ta' dawn is-servizzi biex jilħqu liż-żgħażagħ li jinsabu fl-aktar sitwazzjonijiet vulnerabbli.

Il-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażagħ għandhom kost għali u jeħtieġu politiki mmirati apposta. Fil-bidu ta' karriera, il-qgħad, speċjalment il-qgħad fit-tul, jista' jkollu konsegwenzi negattivi dejjiema bħal qligħ inferjuri fil-futur u prospetti agħar tax-xogħol (l-hekk imsejjaħ "effett

[1] Żieda fir-rata ta' impjieg tal-popolazzjoni fl-età ta' 20-64 sena għal mill-anqas 75 %.

[2] Nota ta' Diskussjoni tal-Persunal tal-FMI, "Youth Unemployment in Advanced Economies in Europe: Searching for Solutions", Diċembru 2014, p.9.

li jħalli ġerħa permanenti")[3]. Jista' jwassal għal livelli ġenerali inferjuri ta' produttività wkoll[4].

Il-prospetti tax-xogħol taż-żgħażagħ iridu jiġu kkunsidrati wkoll fil-kuntest tal-**ġustizzja interġenerazzjonali**. Bi ħtieġa akbar ta' flessibbiltà, feġġew diversi forom atipiċi tax-xogħol u llum il-karrieri tax-xogħol huma anqas stabbli. Filwaqt li aktar flessibbiltà tista' twieġeb għall-ħtiġijiet tad-ditti kif ukoll tal-ħaddiema sa ċertu punt, din iġġib magħha riskji soċjali wkoll. Hemm domanda akbar għal ċerti tipi ta' ħaddiema u ta' ħiliet għad-detriment ta' tipi oħra u inugwaljanza akbar fid-distribuzzjoni tal-introjtu. Ċerti ħaddiema jinsabu f'pożizzjoni dejjem aktar prekarja.

Fid-dawl tar-realtajiet li qed jinbidlu tad-dinja, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali mfassla għas-swieq tax-xogħol tradizzjonali jaf ma jkopprux lil kull min jeħtieġ il-protezzjoni. Dawn l-iżviluppi kollha jistgħu jaffettwaw liż-żgħażagħ aktar milli lil dawk fi stadju avvanzat tal-karriera tagħhom jew lil dawk irtirati, u jaf ikollhom implikazzjonijiet għall-ilħuq tal-proġetti li fasslu għal ħajjithom.

It-tnaqqis fin-numru ta' ħaddiema potenzjali minħabba t-tibdil demografiku u ż-żieda fil-proporzjon ta' dipendenza[5] jixħtu dawl fuq l-importanza tat-tkabbir fil-produttività tax-xogħol. Ser isir aktar diffiċli li wieħed jibbaża fuq iż-żieda ta' aktar nies mal-forza tax-xogħol bħala sors potenzjali ta' tkabbir. Madankollu, fit-terminu medju, l-inklużjoni ta' aktar nies b'mod attiv fis-suq tax-xogħol tista' tagħmel differenza importanti. Biex tinkiseb produttività akbar, il-politiki jridu jiffokaw fuq l-innovazzjoni u fuq l-espansjoni tal-bażi tal-għarfien tal-UE permezz tal-ħiliet u tal-edukazzjoni[6].

Il-promozzjoni tal-impjieg taż-żgħażagħ u t-titjib tat-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol ingħataw prijorità importanti fl-aġenda tal-UE. Bil-**Garanzija għaż-Żgħażagħ**, l-Istati Membri ħadu impenn li jiżguraw li ż-żgħażagħ kollha taħt l-età ta' 25 sena jirċievu offerti ta' xogħol ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew taħriġ prattiku fi żmien erba' xhur mindu jitilqu mill-edukazzjoni jew mindu jisfaw qiegħda[7].

Dan l-impenn ġie msaħħaħ bl-inklużjoni tiegħu bħala l-prinċipju 4b[8] tal-**Pilastru Ewropew** propost **tad-Drittijiet Soċjali**. Il-prinċipji tal-Pilastru jservu bħala boxxla għal konverġenza mġedda lejn kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-għajxien aħjar[9]. Għalhekk, it-tnaqqis tas-sehem ta' żgħażagħ (15-24 sena) barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) fl-UE[10] (11.5% fl-2016) isir objettiv importanti.

Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ hi mibnija fuq impenn politiku meħud mill-Istati Membri kollha tal-UE biex kull persuna żagħżugħa taħt l-età ta' 25 sena tingħata offerta ta' impjieg ta' kwalità tajba,

3 Fondeville N. u Ward T., "Scarring effects of the crisis", Research note 06/2014, Social Situation Monitor, Il-Kummissjoni Ewropea, 2014.

4 Bell, David N.F. u Blanchflower, David G., "Young people and the great recession", Oxford Review of Economic Policy, 27(2): 241-267, 2011.

5 In-numru ta' dipendenti, fl-età ta' bejn żero u 14 u ta' aktar minn 65 sena, għall-popolazzjoni totali, fl-età ta' bejn 15 u 64 sena.

6 Il-Kummissjoni, Employment and Social Developments in Europe – Annual Review 2017.

7 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ.

8 Il-prinċipju 4b jiddikjara li ż-żgħażagħ għandhom id-dritt għal edukazzjoni kontinwa, għal apprendistat, għal taħriġ prattiku jew għal offerta ta' xogħol ta' reputazzjoni tajba sa 4 xhur minn meta jsiru qiegħda jew jitilqu mill-edukazzjoni (Kapitolu I: Opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol, Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Komunikazzjoni "L-istabbiliment tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali", 2017).

9 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea "L-istabbiliment tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali", 2017.

10 Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, l-Istati Membri koperti mid-data f'din l-iskeda informattiva huma l-UE28, u d-data dwar iż-"żgħażagħ" hi relatata mal-grupp ta' età 15-24.

edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew taħriġ prattiku fi żmien erba' xhur minn meta ssir qiegħda jew tħalli l-edukazzjoni formali. Ġiet implimentata b'mod rapidu madwar l-UE bis-saħħa ta' taħlita mingħajr preċedenti ta' momentum politiku qawwi, ta' riżorsi finanzjarji sinifikanti permezz tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u tal-Fond Soċjali Ewropew, u ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ robusti fil-livell tal-UE. L-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ, riżorsa finanzjarja ta' EUR 8.8 biljun, tipprovdi appoġġ dirett immirat liż-żgħażagħ NEETs li jgħixu f'reġjuni li qed ibatu minħabba rati ogħla minn 25% tal-qgħad fost iż-żgħażagħ[11].

Din l-iskeda informattiva hi strutturata kif ġej:

- It-taqsima 2 tirrieżamina l-qgħad fost iż-żgħażagħ, iż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs), u indikaturi ewlenin oħra tal-prestazzjoni fil-pajjiżi tal-UE;
- It-taqsima 3 tiddiskuti l-evidenza disponibbli dwar liema politiki huma xierqa għall-indirizzar b'mod effettiv tal-isfidi tal-qgħad u tal-inattività fost iż-żgħażagħ u tirrieżamina fil-qosor l-approċċ meħud fil-livell tal-UE, filwaqt li tiffoka fuq l-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ;
- It-taqsima 4 tispjega l-prattika tajba tal-politika biex jingħelbu dawn l-isfidi u tipprovdi eżempji mill-Istati Membri tal-UE. Hi pprovduta wkoll ħarsa ġenerali lejn l-istat fil-pajjiżi kollha tal-UE.

L-iskedi informattivi li ġejjin joffru informazzjoni kumplimentari għas-suġġett tal-impjieg taż-żgħażagħ dwar: it-tluq bikri mill-iskola; il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi; il-politiki attivi tas-suq tax-xogħol; il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-forza tax-xogħol; il-ħiliet għas-suq tax-xogħol; il-faqar u l-esklużjoni soċjali: il-benefiċċji tal-qgħad; ix-xogħol mhux iddikjarat; l-iżviluppi fil-pagi u s-sistemi ta' ffissar tal-pagi; u l-ilħuq tal-edukazzjoni terzjarja.

---

[11] Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Komunitarizzazzjoni "Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ: tliet snin wara", 2016.

## 2. L-ISFIDI TAL-POLITIKA: ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-PRESTAZZJONI FIL-PAJJIŻI TAL-UE

Ir-riskji għat-tranżizzjonijiet b'suċċess mill-iskola għax-xogħol jiġu f'diversi forom. Minħabba li s-sehem ta' żgħażagħ li huma attivi fis-suq tax-xogħol — jiġifieri li huma impjegati jew inkella qed ifittxu xogħol — ivarja b'mod sostanzjali bejn l-Istati Membri, l-analiżi ta' dawn ir-riskji għandha tħaddem diversi indikaturi relatati mal-popolazzjoni rilevanti (dawk ta' 15-24 sena). Barra minn hekk, l-analiżi teħtieġ ponderazzjoni bir-reqqa tal-fatturi speċifiċi għall-pajjiżi.

Illum il-ġurnata hemm madwar 3.8 miljun żagħżugħ (15-24 sena) qiegħed fl-UE (li naqsu mill-ogħla livell ta' 5.7 miljun f'Jannar 2013). Filwaqt li dawn in-numri għadhom għoljin, bħala medja fl-UE mill-2013 ir-rati annwali tal-qgħad fost iż-żgħażagħ naqsu b'4 pps għal 18.73% u r-rati ta' NEETs naqsu b'1.5 pp għal 11.5%. Iż-żewġ rati naqsu f'ħafna mill-Istati Membri tal-UE u b'mod partikolari f'dawk li kellhom l-ogħla rati fl-2013 (ara l-Figuri 1 u 3 u t-tabelli fl-anness).

Ir-**rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ** hi l-perċentwal ta' qiegħda fil-grupp ta' età ta' 15 sa 24 sena meta mqabbla mal-forza tax-xogħol totali f'dak il-grupp ta' età (li tinkludi kemm żgħażagħ impjegati kif ukoll qiegħda iżda mhux dawk ekonomikament inattivi, jiġifieri żgħażagħ li mhumiex qed jaħdmu u li mhumiex disponibbli għax-xogħol jew li mhumiex qed ifittxu xogħol).

Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fl-UE naqset mill-ogħla livell ta' kważi 24% fl-2013 għal 18.7% fl-2016, iżda xorta waħda għadha 2.8 pps ogħla milli kienet fl-2008 (u aktar mid-doppju tar-rata tal-qgħad ġenerali li kienet ta' 8.6% fl-2016). Ħdax-il Stat Membru kienu qed jaffaċċjaw rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ ta' aktar minn 20%: f'4, ir-rata kienet saħansitra ogħla minn 30% (il-Greċja, Spanja, l-Italja u l-Kroazja). Għal 10 Stati Membri (il-Ġermanja, ir-Repubblika Ċeka, in-Netherlands, Malta, l-Awstrija, id-Danimarka, l-Ungerija, ir-Renju Unit, l-Estonja u l-Litwanja), ir-rati

kienu anqas minn 15%, titjib mill-2015, meta kien hemm 8 Stati Membri biss. Id-dispersjoni tal-qgħad fost iż-żgħażagħ fost il-pajjiżi taż-żona tal-euro għadha ogħla minn dik għall-UE28, u tvarja mill-anqas livell ta' 7.1% fil-Ġermanja sal-livell għoli ħafna ta' 47.3% fil-Greċja (ara l-Figura 1).

**Figura 1 — Ir-rati tal-qgħad fost iż-żgħażagħ (15-24 sena) fl-Istati Membri tal-UE, 2008, 2015 u 2016**




*Sors: Eurostat, LFS [une_rt_a]*

L-2014 kienet l-ewwel sena minn wara l-kriżi li fiha r-**rata ta' impjieg** għaż-żgħażagħ (jiġifieri l-perċentwal ta' persuni impjegati b'rabta mal-popolazzjoni totali komparabbli ta' 15-24 sena) reġgħet bdiet tiżdied. Fl-2016, ir-rata fl-UE tal-impjieg taż-żgħażagħ kompliet tikber u laħqet it-33.8%, ogħla mit-32.5% tal-2014 iżda xorta 3.5 pps anqas mill-ogħla livell tagħha tal-2008 (37.3%).

**Figura 2 — Ir-rata tal-UE tal-impjieg taż-żgħażagħ (15-24 sena)**




Erba' Stati Membri kellhom rati ta' impjieg taż-żgħażagħ anqas minn 20% (il-Greċja 13%, l-Italja 16.6%, Spanja 18.4% u l-Bulgarija 19.8%). Il-ħames Stati Membri bl-aqwa prestazzjoni kienu n-Netherlands b'60.8%, id-Danimarka bi 58.2%, l-Awstrija b'51%, ir-Renju Unit b'50.9% u Malta b'45.9%.

Għaż-żgħażagħ, **il-qgħad fit-tul fost iż-żgħażagħ** (jiġifieri qgħad li jdum tal-anqas sena, ara d-dejta fl-Anness) għadu għoli. Ir-rata tal-qgħad fit-tul għaż-żgħażagħ għadha 1.9 pps ogħla milli kienet fl-2008 (5.4% tal-forza tax-xogħol żagħżugħa fl-2016), għad li din naqset mill-ogħla livell ta' 8% fl-2013[12]. Kif diġà ntqal, fil-bidu ta' karriera, il-qgħad, speċjalment il-qgħad fit-tul, jista' jkollu konsegwenzi negattivi dejjiema ("effett li jħalli ġerħa permanenti")[13].

Peress li mhux kull persuna żagħżugħa hi attiva fis-suq tax-xogħol, ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ ma tirriflettix is-sehem ta' adulti żgħażagħ li huma qiegħda mill-grupp ta' età totali taż-żgħażagħ.

[12] Ara l-istatistiki tal-istħarriġ tal-forza tax-xogħol (LFS) tal-Eurostat (yth_empl_120).
[13] Fondeville N. u Ward T., op. cit.

Għall-kuntrarju, il-**proporzjon ta' qgħad fost iż-żgħażagħ** juri l-perċentwal ta’ żgħażagħ qiegħda meta mqabbla mal-popolazzjoni totali ta’ dak il-grupp ta' età, jiġifieri mhux biss dawk attivi ekonomikament, iżda anki dawk inattivi, inklużi l-istudenti. B’hekk, dan — għall-kuntrarju tar-rata ta’ impjieg — jagħti kejl tal-qgħad imqabbel mal-popolazzjoni li mhuwiex affettwat mid-daqs tal-forza tax-xogħol żagħżugħa. Fl-2016, il-proporzjon ta' qgħad fost iż-żgħażagħ fl-Istati Membri tal-UE varja bejn 3.4% fir-Repubblika Ċeka u 14.7% fi Spanja, bil-medja tal-UE li kienet ta’ 7.7%, anqas mill-ogħla livell ta’ kważi 10% fl-2013[14].

Minbarra dawk li jaħdmu jew li qed ifittxu impjieg, sehem konsiderevoli miż-żgħażagħ ta’ 15-24 sena fl-UE hu ekonomikament inattiv. Għal uħud, dawn hu dovut għall-fatt li jsegwu korsijiet tal-edukazzjoni u ta’ taħriġ. Madankollu, hemm oħrajn li sempliċiment irtiraw mis-suq tax-xogħol, jew ma daħlux fih wara li telqu mis-sistema edukattiva.

Dan l-aspett tas-sitwazzjoni taż-żgħażagħ hu kopert mir-**rata ta’ żgħażagħ NEETs** li tikkorrispondi għal għall-perċentwal tal-popolazzjoni ta’ 15-24 sena **barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ**. Għaldaqstant, iż-żgħażagħ li huma fl-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ mhumiex parti mill-grupp ta’ NEETs, skont id-definizzjoni tagħhom. Ir-rata ta’ NEETs għaż-żgħażagħ (15-24 sena) ġiet inkluża bħala indikatur ewlieni fit-Tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali u, għalhekk, hi ċentrali għat-twettiq tal-Pilastru tad-Drittijiet Soċjali[15].

Hemm differenzi kbar fi ħdan il-popolazzjoni ta’ NEETs[16], u mhux is-sitwazzjonijiet kollha huma problematiċi. Għal ċerti żgħażagħ, il-fatt li huma NEETs hu sempliċiment status temporanju (iż-żmien bejn impjieg u ieħor jew qabel ma jsibu impjieg wara li jtemmu l-istudji tagħhom).

---

[14] L-istatistiki tal-istħarriġ tal-forza tax-xogħol (LFS) tal-Eurostat (une_rt_a).

[15] Il-Kummissjoni Ewropea, DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL, Tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali, li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni li tistabbilixxi l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, 2017.

[16] Eurofound, Exploring the Diversity of NEETs, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2016.

**Figura 3 — Iż-żgħażagħ (15-24 sena) barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEET) fl-Istati Membri tal-UE, 2008, 2015 u 2016**




*Sors: Eurostat, LFS, [edat_lfse_20]*

Għal oħrajn, il-fatt li jkunu NEET jista' jkun sintomu ta' żvantaġġ u jindika diżimpenn mill-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà.

L-istatus ta' NEET hu dinamiku wkoll: filwaqt li n-numri ġenerali jistgħu fil-parti l-kbira jibqgħu l-istess, ħafna mill-individwi fi ħdan il-grupp qed jinbidlu b'rata rapida għaliex isibu impjieg jew jirreġistraw għal edukazzjoni avvanzata. Iżda hemm ukoll grupp "fiss" li ma jinbidilx maż-żmien u li jista' jaffaċċja diversi ostakli biex jidħol fis-suq tax-xogħol. Għal dan il-grupp, iż-żmien imqatta' bħala NEET jista' jkollu firxa wiesgħa ta' konsegwenzi negattivi, bħal prospetti tax-xogħol mhux siguri u batuti, li huma aktar komuni, jew problemi tas-saħħa mentali u fiżika, li huma aktar estremi[17].

Fl-2016, minn popolazzjoni totali ta' 54.6 miljun żagħżugħ fil-grupp ta' età ta' 15-24 sena, 6.3 miljun kienu barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs). Dan isarraf f'rata ta' NEETs ta' 11.5% (perċentwal ta' żgħażagħ ta' 15-24 sena li huma NEETs), ogħla mill-10.9% tal-2008, iżda anqas mill-ogħla livell ta' 13.2% tal-2012. Fl-2016, ir-rata ta' NEETs fost dawk ta' 15-24 sena kienet fl-ogħla livell tagħha, b'aktar minn 15%, fl-Italja, fil-Bulgarija, fir-Rumanija, fil-Kroazja, f'Ċipru u fil-Greċja.

Minkejja t-titjib, ir-rati ta' NEETs għadhom ogħla mil-livelli ta' qabel il-kriżi f'dawn l-Istati Membri. Meta mqabbla mal-2015, fl-2016 ġew irreġistrati xejriet pożittivi kważi fl-Istati Membri kollha (ara l-Figura 3). B'disaggregazzjoni tar-rati ta' NEETs bejn dawk li qed ifittxu impjieg u n-NEETs inattivi, fl-UE fl-2016 kien hemm 6.2% taż-żgħażagħ ta' 15-24 sena li kienu NEETs inattivi. Ir-rata ta' NEETs inattivi tvarja b'mod sostanzjali bejn l-Istati Membri tal-UE; fi tliet Stati Membri (il-Bulgarija, l-Italja u r-

[17] Strandh, M., Winefield, A., Nilsson, K. u Hammarström, A. "Unemployment and mental health scarring during the life course", Eur J Public Health, 24:440-5, 2014.

Rumanija), din taqbeż l-10% (ara l-Figura 4).

**Figura 4 — Il-profil tan-NEETs (15-24 sena), 2016**




*Sors: Eurostat, LFS, [edat_lfse_20]*

Rigward id-diffikultajiet fil-fażi ta' tranżizzjoni mill-edukazzjoni għax-xogħol affaċċjati miż-żgħażagħ, tista' ssir distinzjoni bejn sfidi strutturali differenti. Dawn huma relatati b'mod partikolari mas-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, mal-prestazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ, mad-disponibbiltà ta' esperjenza ta' xogħol ta' kwalità, u mal-effikaċja ta' servizzi u ta' appoġġ imfassla apposta għaż-żgħażagħ u pprovduti lilhom mis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi. Dawn l-isfidi huma diskussi f'aktar dettall hawn taħt.

### *L-isfida strutturali (1): is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol*

Il-ħila taż-żgħażagħ li jsibu xogħol tiddependi wkoll minn kif inhu kompost is-suq tax-xogħol u mill-eżistenza ta' leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tal-impjiegi, politika attiva tas-suq tax-xogħol imfassla għaż-żgħażagħ, u politiki effettivi dwar il-mobilità tas-suq tax-xogħol.

Fi swieq tax-xogħol segmentati, iż-żgħażagħ għandhom rappreżentazzjoni eċċessiva fix-xogħol temporanju u part-time, biż-żgħażagħ li jokkupaw dejjem anqas impjiegi permanenti. Swieq tax-xogħol segmentati tipikament iseħħu bħala riżultat ta' livell għoli ta' protezzjoni ta' kuntratti permanenti u minħabba livell baxx ta' protezzjoni tal-kuntratti temporanji, li joħolqu sitwazzjoni li fiha jkun hemm min hu minn ta' ġewwa u min hu minn ta' barra fis-suq tax-xogħol.

Fil-pajjiżi b'segmentazzjoni għolja tas-suq tax-xogħol, iż-żgħażagħ jinsabu f'riskju partikolari li jinqabdu f'nassa ta' impjieg prekarju, bi ftit li xejn taħriġ fuq il-lant tax-xogħol, b'pagi relattivament baxxi, u bi prospetti batuti ta' impjieg u ta' karrieri fit-tul. Il-ħaddiema iżgħar fl-età spiss ikollhom aktar kwalifiki milli jeħtieġu l-impjiegi tagħhom ukoll meta mqabbla ma' gruppi ta' età oħra[18].

[18] Il-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social Developments in Europe – Annual Review 2017.

**Figura 5 — Il-perċentwal ta' żgħażagħ (15-24 sena) f'impjieg temporanju meta mqabbla mal-popolazzjoni ġenerali fl-età tax-xogħol (20-64) skont kull pajjiż, 2016**




*Sors: Eurostat, LFS, [lfsi_pt_a]*

Fl-2016, medja ta' 40.8% tal-impjegati żgħażagħ (grupp ta' età ta' 15-24 sena) fl-UE kellhom kuntratti temporanji (meta mqabbla ma' 11.2% tal-ħaddiema ta' 20-64 sena) u 32.4% kellhom impjiegi part-time (meta mqabbla ma' 18.9% tal-ħaddiema ta' 20-64 sena)[19].

F'ħafna Stati Membri, iż-żgħażagħ aktar iva milli le jkollhom kuntratti temporanji involontarji, u spiss isibuha diffiċli biex jagħmlu t-tranżizzjoni lejn impjiegi permanenti[20]. Madankollu, in-natura tax-xogħol temporanju u l-impatt ta' dan fuq jekk iż-żgħażagħ isibux impjieg sostenibbli jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn il-pajjiżi.

F'pajjiżi bħall-Ġermanja, in-Netherlands, u l-Awstrija, il-kuntratti temporanji għaż-żgħażagħ spiss ikunu assoċjati mal-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u fit-taħriġ (tgħaqqid tax-xogħol u tal-istudju jew twettiq ta' apprendistati), jew perjodu ta' prova[21]. F'każijiet bħal dawn, dawn il-kuntratti jistgħu potenzjalment jaġixxu bħala pont u jsostnu t-tranżizzjonijiet b'suċċess mill-iskola għax-xogħol.

[19] Eurostat, Part-time employment and temporary contracts – annual data [lfsi_pt_a].
[20] Ara Eurostat, EU-SILC, Labour transitions by type of contract (ilc_lvhl32) u LFS, Main reason for the temporary employment – Distributions by sex and age (%) (lfsa_etgar).

[21] Nota ta' Diskussjoni tal-Persunal tal-FMI, Youth Unemployment in Advanced Economies in Europe: Searching for Solutions, Diċembru 2014, p.9.

Iżda ma hemm ebda evidenza konsistenti dwar ir-rwol tal-impjiegi temporanji. Dan jiddependi mill-ambjent istituzzjonali u ekonomiku. L-impjiegi temporanji jistgħu joħolqu opportunitajiet ta' xogħol addizzjonali u jnaqqsu l-qgħad fost iż-żgħażagħ. B'mod ġenerali, il-kuntratti temporanji jkunu l-aktar effettivi biex iwasslu għal impjieg stabbli jekk ikunu marbutin mat-taħriġ. Għaldaqstant, l-evidenza disponibbli ssejjaħ għal riformi biex jitnaqqsu l-livelli differenti ta' protezzjoni bejn il-kuntratti temporanji u permanenti u jissaħħaħ il-kontenut tat-taħriġ vokazzjonali tal-kuntratti temporanji offruti liż-żgħażagħ[22].

### *L-isfida strutturali (2): il-prestazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ*

Il-kisbiet baxxi fil-ħiliet bażiċi[23], iżda anki fil-ħiliet trażversali[24] huma ostaklu serju għall-impjegabbiltà. Ħafna Stati Membri għad għandhom ishma għoljin ta' persuni b'kisbiet baxxi fil-matematika, fil-qari u fil-litteriżmu xjentifiku.

---

[22] Eichhorst, W. Fixed-term contracts. IZA World of Labor 2014: 45 doi: 10.15185/izawol.45.

[23] Il-ħiliet meħtieġa biex wieħed jgħix fis-soċjetà kontemporanja, eż. is-smigħ, it-taħdit, il-qari, il-kitba u l-matematika.

[24] Il-ħiliet li tipikament jitqiesu bħala mhux speċifikament relatati ma' xogħol, ma' kompitu, ma' dixxiplina akkademika jew ma' qasam ta' għarfien partikolari u li jistgħu jintużaw f'firxa wiesgħa ta' sitwazzjonijiet u ta' kuntesti tax-xogħol (pereżempju, ħiliet organizzazzjonali).

**Figura 6 — Is-sehem ta' nies ta' 20-24 sena barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ, skont il-livell edukattiv li laħqu, 2016**




*Sors: Eurostat, LFS [edat_lfse_21] u [lfsa_pgaed]*

Iż-żgħażagħ li jitilqu mill-edukazzjoni u mit-taħriġ qabel iż-żmien jisfaw mingħajr ħiliet u kwalifiki[25]. Bħala riżultat ta' dan, dawn aktarx li jaffaċċjaw problemi serji u persistenti fis-suq tax-xogħol[26].

Iż-żgħażagħ li lestew biss livell baxx ta' edukazzjoni sekondarja jġarrbu l-akbar riskju ta' qgħad u ta' inattività. Fl-2016, bħala medja fl-UE r-rata tal-qgħad għall-grupp ta' età 15-24 kienet ta' 18.7% iżda għal dawk b'ħiliet baxxi laħqet it-28%. B'mod simili, ir-rati ta' NEET għal żgħażagħ b'ħiliet baxxi huma sostanzjalment ogħla milli għaż-żgħażagħ b'tal-anqas edukazzjoni sekondarja għolja (ara l-Figura 6).

Ir-rati ta' impjieg tal-gradwati mill-edukazzjoni sekondarja għolja huma konsistentement ogħla minn dawk għal persuni mingħajr edukazzjoni sekondarja. Il-gradwati mill-edukazzjoni terzjarja reġa' għandhom rati ta' impjieg ogħla minn dawk b'edukazzjoni sekondarja għolja biss. F'dan l-aħħar każ, is-sitwazzjoni fl-Istati Membri tal-UE tvarja ħafna: fl-2016, ir-rati ta' impjieg tal-gradwati riċenti (20-34 sena) b'tal-anqas edukazzjoni sekondarja għolja qabżu l-85% f'Malta, fil-Ġermanja, fin-Netherlands, fl-Iżvezja, fl-Awstrija, fir-Repubblika Ċeka, fil-Ġermanja, fil-Lussemburgu u fl-Ungerija, filwaqt li baqgħu taħt is-70% f'Ċipru, fir-Rumanija, fi Spanja, fl-Italja u fil-Greċja[27].

[25] Ara wkoll l-iskeda informattiva tematika tas-Semestru Ewropew dwar il-persuni li jitilqu kmieni mill-iskola u t-taħriġ u l-iskeda informattiva dwar il-ħiliet għas-suq tax-xogħol.

[26] Scarpetta S., A. Sonnet u T. Manfredi, "Rising youth unemployment during the crisis: how to prevent negative long-term consequences on a generation?", OECD Social, Employment and Migration Papers, No. 106, 2015.

[27] Ara Eurostat, LFS, Employment rate of young people (20-34) having completed the highest level of education in the last 3 years and not in education and training by educational attainment, edat_lfse_24.

### *L-isfida strutturali (3): id-disponibbiltà ta' esperjenza ta' xogħol ta' kwalità*

Apprendistati u taħriġ prattiku ta' kwalità jaqdu rwol importanti fis-sostenn tat-tranżizzjonijiet mingħajr xkiel mill-iskola għax-xogħol. Dawn għenu liż-żgħażagħ jiksbu esperjenza ta' xogħol prattiku qabel ma jibdew b'impjieg regolari.

L-apprendistati huma ddefiniti bħala programm formali ta' Edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (ETV) li jinkludi alternazzjoni bejn taħriġ imsejjes fuq il-kumpanija (perjodi ta' esperjenza ta' xogħol prattiku f'post tax-xogħol) u edukazzjoni bbażata fl-iskola (perjodi ta' edukazzjoni teoretika/prattika fi skola jew f'ċentru ta' taħriġ). Malli jitlesta b'suċċess, il-programm għandu jwassal għal kwalifika rikonoxxuta f'livell nazzjonali. Spiss ikun hemm relazzjoni kuntrattwali bejn l-impjegatur u l-apprendist, bl-apprendist li jirċievu salarju għax-xogħol tiegħu[28].

L-evidenza turi li l-apprendisti huma ferm impjegabbli. Dawn isibu impjieg aktar faċilment, iżommuh għal aktar żmien u jaqilgħu paga aħjar meta mqabbla mal-pari tagħhom li jsegwu edukazzjoni li hi msejsa fuq l-iskola biss. Skemi ta' apprendistat urew li jżidu b'mod sostanzjali l-probabbiltà ta' tranżizzjonijiet b'suċċess mill-iskola għax-xogħol. Għal ħafna mill-programmi ta' apprendistat, is-sehem medju ta' apprendisti li jsibu impjieg eżatt wara t-tlestija ta' dawn hu ta' madwar 60%-70%. Fi żmien 6 sa 12-il xahar wara t-tlestija tal-iskema, is-sehem ta' apprendisti li jsibu impjieg jiżdied saħansitra aktar u spiss ikun ogħla minn 80%. Il-pajjiżi b'mudelli ta' apprendistati u b'tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol żviluppati sew (id-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Awstrija) juru proporzjonijiet tal-qgħad tal-gradwati riċenti mill-ETV kważi daqs dawk tal-gradwati mill-edukazzjoni terzjarja jew komparabbli ma' dawn[29].

Madankollu, f'ċerti Stati Membri, huma tassew ftit iż-żgħażagħ li għandhom aċċess għal programmi ta' apprendistat ta' kwalità. L-introduzzjoni ta' aktar tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol, u b'mod partikolari ta' apprendistati, hi waħda mill-aktar modi diretti kif il-ħtiġijiet tal-impjegaturi jintrabtu mal-edukazzjoni u mat-taħriġ ipprovduti mis-sistemi tal-ETV madwar l-Ewropa[30].

It-taħriġ prattiku ġeneralment hu mifhum bħala perjodu limitat ta' prattika ta' xogħol għall-istudenti jew għaż-żgħażagħ li jkunu temmew l-edukazzjoni tagħhom riċentement. Dan jista' jdum minn ftit ġimgħat sa ftit xhur. Mhux bilfors ikun kopert minn kuntratt ta' impjieg u normalment ma jkunx parti mill-edukazzjoni formali.

It-taħriġ prattiku qed isiru dejjem aktar komuni għaż-żgħażagħ matul jew wara l-istudji tagħhom. Dan jgħinhom jiksbu esperjenza rilevanti u jagħmlu l-ewwel pass fis-suq tax-xogħol. Stħarriġ tal-Ewrobarometru dwar it-taħriġ prattiku wera li kważi kull żagħżugħ minn tnejn fil-grupp ta' età ta' 18-35 sena kellu tal-anqas esperjenza waħda ta' taħriġ prattiku. 7 minn 10 ex-trainees iddikjaraw li l-esperjenza ta' taħriġ prattiku tagħhom kienet utli biex isibu impjieg regolari[31].

Diversi studji kkonfermaw l-effikaċja tat-taħriġ prattiku fit-titjib tal-possibbiltajiet tat-trainees biex isibu impjieg[32]. Dan hu partikolarment minnu għal taħriġ

[28] Il-Kummissjoni Ewropea, Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2015.

[29] Il-Kummissjoni Ewropea, Apprenticeship and Traineeship Schemes in EU27: Key Success Factors – A Guidebook for Policy Planners and Practitioners, 2013.

[30] Il-Kummissjoni Ewropea, Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2015.

[31] Skont l-istħarriġ, 46 % tar-rispondenti kellhom tal-anqas esperjenza waħda ta' taħriġ prattiku. Ewrobarometru Flash 378: The experience of traineeships in the EU, 2013.

[32] Il-Kummissjoni Ewropea, Apprenticeship and Traineeship Schemes in EU27: Key Success Factors – A Guidebook for Policy Planners and Practitioners, 2013.

prattiku fi ħdan miżuri tal-politika attiva tas-suq tax-xogħol (ALMP): Il-parteċipanti f'taħriġ prattiku tat-tip ALMP isibu impjieg regolari b'mod aktar faċli u f'perjodu ta' żmien iqsar minn dawk li ma jiħdux sehem fih. Madankollu, qed ikun hemm tħassib dejjem akbar dwar il-kwalità ta' ċertu taħriġ prattiku. L-evidenza disponibbli tikkonferma dan it-tħassib, filwaqt li tindika b'mod partikolari kontenut insuffiċjenti tat-tagħlim u kundizzjonijiet tax-xogħol substandard[33].

It-taħriġ prattiku f'suq miftuħ huma ferm anqas regolati mit-taħriġ prattiku tat-tip ALMP. Filwaqt li l-kundizzjonijiet tax-xogħol ġeneralment jiġu rrispettati, f'ħafna pajjiżi jista' jkun hemm kontenut insuffiċjenti tat-tagħlim, nuqqas ta' trasparenza dwar il-prattiki ta' reklutaġġ, durata eċċessiva u nuqqas ta' regoli dwar ir-rikonoxximent xieraq tat-taħriġ prattiku[34].

### *L-isfida strutturali (4): il-kapaċità tas-servizzi pubbliċi tal-impjiegi biex jiżguraw il-forniment effettiv ta' servizzi u ta' appoġġ imfassla apposta għaż-żgħażagħ*

Minkejja l-isforzi ta' riforma f'ħafna Stati Membri, hemm wisq servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) li għadhom neqsin mill-kapaċità li jipprovdu konsulenza ppersonalizzata u appoġġ adegwat liż-żgħażagħ fuq il-bażi tal-profili speċifiċi ta' dawn[35].

Intwera li gwida ppersonalizzata hi effikaċi għaż-żgħażagħ. Iżda din teħtieġ ir-riżorsi f'termini ta' finanzjament, ta' persunal (li jidħol f'kuntatt maż-żgħażagħ), ta' għarfien espert u ta' kapaċità amministrattiva. Filwaqt li l-gwida għandha tendenza li ġġib suċċess akbar għall-dawk li huma l-aktar "lesti għax-xogħol", l-appoġġ intensiv jista' jaħdem ukoll għal gruppi aktar diffiċli meta jintuża approċċ iffokat fuq il-persuni. Dan l-approċċ jgħaqqad diversi komponenti (konsulenza, taħriġ u diversi tipi ta' servizzi ta' kollokament)[36] u jinvolvi sħubijiet li jmorru lil hinn minn interventi ALMP tradizzjonali (eż. sħubijiet ma' NGOs li jaħdmu maż-żgħażagħ)[37].

## 3. GĦODOD TA' POLITIKA LI JINDIRIZZAW L-ISFIDI POLITIĊI

Għal ħafna Stati Membri, l-indirizzar tal-isfidi spjegati hawn fuq jeħtieġ riformi fir-regolamenti tas-suq tax-xogħol tagħhom, u riformi fis-sistemi ta' taħriġ, ta' tiftix ta' impjieg u ta' edukazzjoni tagħhom. B'dan il-mod biss jistgħu jittamaw li jtejbu drastikament it-tranżizzjonijiet mill-iskola għax-xogħol u l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ.

Barra minn hekk, l-għodod ta' politika għandhom jiġu analizzati b'rabta mal-ġustizzja interġenerazzjonali. Wara deċennji ta' standards tal-għajxien li komplew jitilgħu 'l fuq, hemm tħassib li ż-żgħażagħ Ewropej tal-lum jistgħu jispiċċaw anqas komdi mill-ġenituri tagħhom. Għad irridu naraw kif il-kriżi u t-tibdiliet strutturali fl-ekonomija finalment se jaffettwaw liż-żgħażagħ. Dan se jiddependi fil-parti l-kbira mill-prestazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u fl-edukazzjoni fis-snin li ġejjin u mill-impatt tal-politiki li jappoġġjaw l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ[38].

---

[33] Eurofound, Fraudulent contracting of work: Abusing traineeship status (Austria, Finland, Spain and UK), 2017. Ara wkoll, Il-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ, Interns Revealed – A survey on internship quality in Europe, 2011; u l-Ewrobarometru Flash 378: The experience of traineeships in the EU, 2013.

[34] Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal, Applying the Quality Framework for Traineeships, 2016.

[35] In-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, Report on PES Implementation of the Youth Guarantee, 2015 u 2016.

[36] What works for the labour market integration of youth at risk, Mutual Learning Programme, dokument tematiku mħejji għall-Iskambju tat-Tagħlim ta' Livell Għoli, Stokkolma, Frar 2016; Kluve, J., Youth labour market interventions, IZA World of Labour, 2014.

[37] Ara l-Iskeda Informattiva tas-Semestru Ewropew dwar is-Servizzi pubbliċi tal-impjiegi.

[38] Il-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social Developments in Europe – Annual Review 2017.

***L-isfida strutturali: is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol***

L-għodod ta’ politika jinkludu:

- l-użu ta’ sussidji mmirati u mfassla sew għall-pagi u għar-reklutaġġ biex l-impjegaturi jitħeġġu joħolqu opportunitajiet għaż-żgħażagħ, speċjalment għal dawk li għandhom diffikultajiet akbar biex jidħlu fis-suq tax-xogħol.
  L-iskemi sussidjati jistgħu, pereżempju, ikunu marbuta ma’ kundizzjonijiet li l-persuna żagħżugħa tinżamm impjegata għal ċertu żmien wara li jintemm is-sussidju. Biex jiġu evitati effetti deadweight u ta’ sostituzzjoni, it-tali skemi għandhom jiġu ssorveljati/ evalwati u jkunu mmirati b’mod suffiċjenti[39].
- ir-riforma tal-arranġamenti kuntrattwali, b’mod partikolari billi l-protezzjoni u d-drittijiet tal-kuntratti permanenti u temporanji jiġu allinjati. Dan hu konformi mal-prinċipju 5 tal-Pilastru Ewropew propost tad-Drittijiet Soċjali. Dan il-prinċipju jiddikjara li irrispettivament mit-tip u mid-durata tar-relazzjoni tax-xogħol, il-ħaddiema għandhom id-dritt għal trattament ġust u ugwali fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol, għall-aċċess għall-protezzjoni soċjali u għat-taħriġ[40];
- l-għoti ta’ appoġġ liż-żgħażagħ li jridu jsiru imprendituri, il-forniment ta’ servizzi ta’ appoġġ tal-bidu, u s-sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet marbuta mal-impjiegi indipendenti;
- il-promozzjoni tal-mobilità tas-suq tax-xogħol billi ż-żgħażagħ jiġu informati dwar l-opportunitajiet f’oqsma, f’reġjuni u f’pajjiżi differenti.

***L-isfida strutturali: il-prestazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni u ta’ taħriġ***

L-għodod ta’ politika jinkludu:

- l-iżgurar ta’ investiment fis-sistemi edukattivi u t-titjib tal-ħidma ta’ dawn biex jiġu żgurati eżiti edukattivi ta’ kwalità[41];
- l-implimentazzjoni ta’ strateġiji komprensivi dwar it-tluq bikri mill-iskola;
- ir-rikonoxximent tat-tagħlim informali u tat-tagħlim mhux formali (li jinkludi ħidma maż-żgħażagħ, esperjenzi ta’ mobilità, volontarjat jew permezz ta’ riżorsi edukattivi miftuħa);
- l-offerta ta’ perkorsi lill-persuni li jitilqu kmieni mill-iskola u liż-żgħażagħ b’livell baxx ta’ ħiliet biex jerġgħu jidħlu fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, eż. permezz ta’ programmi li jagħtu t-tieni possibbiltà[42].

---

39 L-effett deadweight jirreferi għas-sussidjar ta’ impjiegi għal persuni qiegħda li xorta waħda kienu jsibu impjieg, anki mingħajr is-sussidju. L-effett ta’ spostament iseħħ meta s-sussidju jikkawża telf ta’ impjiegi minħabba tfixkil tal-kompetizzjoni. It-telf ta’ impjiegi jiġi kkawżat f’intrapriżi li ma jirċevux is-sussidji. L-effett ta’ sostituzzjoni diretta jseħħ meta s-sussidju jikkawża li impjieg eżistenti jiġi sostitwit b’impjieg issussidjat, pereżempju, ħaddiem akbar fl-età jiġi ssostitwit minn ħaddiema iżgħar issussidjati. Mingħajr is-sussidju, il-ħaddiem regolari jżomm xogħlu. Is-sostituzzjoni indiretta sseħħ meta post vakanti eżistenti jimtela minn ħaddiem issussidjat li, mingħajr is-sussidju, kien jimtela minn applikant differenti. Ħaddiema mhux issussidjati jistgħu jiġu esklużi jew ma jiġux reklutati biex minflokhom jiddaħħlu ħaddiema orħos issussidjati.

40 Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea “L-istabbiliment tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali”, 2017.

41 L-eżiti edukattivi jew tat-tagħlim huma dikjarazzjonijiet ta’ dak li l-istudent ser ikun jaf, jifhem u kapaċi jagħmel meta jtemm il-proċess tat-tagħlim. B’mod aktar ġenerali, dawn jirreferu għall-effetti edukattivi, soċjetali u fuq il-ħajja li jirriżultaw mill-edukar tal-istudenti

42 Il-miżuri ta’ titjib tal-ħiliet jistgħu jibbenefikaw minn numru ta’ karatteristiċi bħall-ibbażar fuq taħlita ta’ edukazzjoni, ta’ gwida, ta’ taħriġ u ta’ esperjenza ta' xogħol f’ambjent ta’ xogħol reali u kooperazzjoni msaħħa bejn is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi, il-fornituri ta’ edukazzjoni u ta’ edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, u s-sħab soċjali, biex jiġi żgurat li l-programmi jkunu allinjati mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Għal aktar gwida, ara, il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni “Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ: tliet snin wara”, p.108, 2016.

***L-isfida strutturali: id-disponibbiltà ta' esperjenza ta' xogħol ta' kwalità***

L-għodod ta' politika jinkludu:

- l-għoti ta' għajnuna liż-żgħażagħ biex jiksbu esperjenza ta' xogħol filwaqt li jkunu għaddejjin bl-edukazzjoni u jiksbu l-ħiliet rilevanti fis-suq tax-xogħol permezz ta' riformi fis-sistemi tal-ETV, l-offerta ta' aktar apprendistati li jkunu aħjar u ż-żieda tal-kooperazzjoni mal-impjegaturi fl-iskejjel;
- l-istabbiliment ta' qafas regolatorju komprensiv u konsistenti għall-apprendistati, li jiddeskrivi biċ-ċar ir-responsabbiltajiet, id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet kollha involuti;
- l-għoti ta' appoġġ biex jiġu stabbiliti programmi ta' apprendistat immirati lejn kumpaniji żgħar, medji u mikro, u t-tħeġġiġ ta' arranġamenti ta' qsim tal-ispejjeż bejn l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi;
- il-promozzjoni ta' skemi ta' apprendistat permezz ta' sensibilizzazzjoni u ta' gwida dwar il-karrieri;
- l-iżgurar tat-trasparenza tal-offerti ta' apprendistat u l-iffaċilitar tal-aċċess għat-tali offerti bl-appoġġ tas-servizzi pubbliċi u privati tal-impjiegi;
- l-implimentazzjoni ta' sistema ta' garanzija tal-kwalità għall-apprendistati li tiżgura valutazzjoni valida, affidabbli u ġusta tal-eżiti tat-tagħlim, li twassal għal kwalifika ċċertifikata u rikonoxxuta;
- l-iżgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati għat-taħriġ prattiku (sigħat tax-xogħol, durata, liv tal-mard, vaganzi);
- l-iżgurar ta' kontenut adegwat tat-tagħlim għat-taħriġ prattiku (ftehim dwar it-taħriġ prattiku li jindika l-objettivi tat-tagħlim u l-ħatra ta' superviżur li jiggwida lit-trainee fil-kompiti assenjati u jissorvelja u jivvaluta l-progress tiegħu);
- il-promozzjoni tar-rikonoxximent u tal-validazzjoni tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi miksuba matul it-taħriġ prattiku u t-tħeġġiġ lill-fornituri ta' taħriġ prattiku biex jattestawh, fuq il-bażi ta' valutazzjoni, permezz ta' ċertifikat.

***L-isfida strutturali: il-kapaċità tas-servizz pubbliku tal-impjiegi biex jiżgura l-forniment effettiv ta' servizzi u ta' appoġġ imfassla apposta għaż-żgħażagħ***

L-għodod ta' politika jinkludu:

- l-iżgurar li ż-żgħażagħ ikollhom aċċess sħiħ għall-informazzjoni dwar is-servizzi u l-appoġġ disponibbli biex jitħeġġu jirreġistraw mas-servizzi tal-impjiegi (li jinvolvu wkoll organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, skejjel u servizzi soċjali u NGOs);
- l-attivazzjoni, it-titjib tal-ħiliet u l-immirar tal-appoġġ għaż-żgħażagħ, inkluż permezz tal-ħolqien ta' profili, permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni individwali u permezz ta' miżuri ta' attivazzjoni li jinkludu t-taħriġ u l-kollokamenti f'impjieg;
- l-allokazzjoni ta' persunal dedikat biex jipprovdi servizzi u appoġġ lill-persuni żgħażagħ li qed ifittxu impjieg u li jaħdem mal-iskejjel biex jiġu identifikati ż-żgħażagħ li telqu mill-iskola iżda li għadhom ma rreġistrawx mas-servizz pubbliku tal-impjiegi;
- is-simplifikazzjoni tal-proċeduri u ż-żieda tal-personalizzazzjoni tal-konsulenza permezz ta' approċċ ta' ġestjoni tal-każijiet, l-għoti ta' gwida aħjar liż-żgħażagħ mir-reġistrazzjoni sal-ippjanar ta' azzjonijiet individwali u l-kollokament (l-evitar ta' multiplikazzjoni tal-interlokuturi u tas-servizzi);
- it-tħeġġiġ lis-servizz pubbliku tal-impjiegi biex jidħol f'kuntatt b'mod attiv mal-impjegaturi fl-identifikazzjoni tal-opportunitajiet ta' xogħol u ta' taħriġ għaż-żgħażagħ.

Ħafna minn dawn l-għodod ta' politika jinġabru flimkien taħt l-impenn tal-Istati Membri tal-UE biex jistabbilixxu skema ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ biex jagħmlu t-tranżizzjonijiet taż-żgħażagħ mill-iskola għax-xogħol aktar faċli[43]. Permezz ta' dan l-impenn (imsaħħaħ bl-inklużjoni tiegħu bħala wieħed mill-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fi żmien 4 xhur mindu jitilqu mill-edukazzjoni jew milli jsiru qiegħda, iż-żgħażagħ kollha li

[43] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ.

għandhom 25 sena jew anqas[44] jirċievu offerta ta' xogħol, edukazzjoni ssoktata, apprendistat jew taħriġ prattiku ta' kwalità tajba.

## 4. EVALWAZZJONI BIR-REQQA TAL-ISTAT TAL-POLITIKA

L-Istati Membri żiedu l-isforzi tagħhom fuq l-għodod ta' politika rilevanti kollha biex jiġġieldu kontra l-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażagħ fis-snin riċenti. Dan hu marbut mal-implimentazzjoni tagħhom tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ li tippromwovi sett komprensiv u konsistenti ta' riformi strutturali biex it-tranżizzjoni taż-żgħażagħ mill-iskola għax-xogħol issir aktar faċli.

Jista' jinxteħet dawl fuq numru ta' prattiki partikolarment tajbin jew promettenti[45].

Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ (Franza)

Din il-miżura tindirizza diversi sfidi minn fost dawk l-isfidi strutturali identifikati aktar 'il fuq.

Il-miżura, li tnediet fit-tieni nofs tal-2013 bħala proġett pilota u ntemmet f'Diċembru 2017, għandha l-għan li tgħin lil NEETs vulnerabbli ta' 18-25 sena biex jiksbu aktar awtonomija u jaqbdu perkors li ser iwassal għal inklużjoni u għal impjieg sostenibbli. Il-benefiċjarji jintgħażlu minn bord tas-sħubija msawwar minn rappreżentanti tas-servizz pubbliku tal-impjiegi ta' Franza ("Pôle Emploi" u "Missions locales"), taċ-ċentri soċjali, tan-netwerks ta' prevenzjoni, tal-kunsill dipartimentali, tal-ministeru tal-edukazzjoni u ta' assoċjazzjonijiet oħra kontra l-faqar.

Il-miżura tgħaqqad il-konsulenza intensiva u l-immersjoni professjonali ma' allokazzjoni fix-xahar soġġetta għal test tal-mezzi. Hi bbażata fuq kuntratt ta' sena ta' "reċiproċità reċiproka" (li jista' jiġġedded darba) bejn il-persuna żagħżugħa u servizz pubbliku tal-impjieg lokali ddedikat għaż-żgħażagħ (Missions Locales). Il-kuntratt (li jinkludi l-għanijiet u l-moduli tat-taħriġ) jitfassal f'kollaborazzjoni mal-persuna żagħżugħa.

Il-"perkors" jibda b'perjodu ta' 6-8 ġimgħat ta' sessjonijiet ta' ħidma kollettivi (dwar ħiliet bażiċi jew personali). Imbagħad dan jiġi segwit minn perjodu ta' appoġġ personalizzat, mogħti minn konsulent, li matulu l-persuna żagħżugħa twettaq diversi esperjenzi ta' xogħol u tista' tidħol f'kors ta' taħriġ ukoll.

Il-proġett hu innovattiv peress li għandu approċċ li jagħti prijorità lix-xogħol biex il-persuna żagħżugħa tkun tista' tieħu diversi esperjenzi ta' xogħol li jistgħu jitwettqu permezz ta' opportunitajiet ta' taħriġ. Hemm ukoll allowance fix-xahar li tikkostitwixxi xibka ta' sikurezza siewja għal ħafna żgħażagħ. Fattur ta' suċċess ieħor hu s-sħubijiet li jħallu l-frott mal-impjegaturi lokali.

***L-isfida strutturali: is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol***

"L-Ewwel Sfida" (is-Slovenja)

Fis-Slovenja, il-programm "L-Ewwel Sfida" jappoġġja l-impjieg ta' aktar minn 2800 persuna żagħżugħa. Il-programm jikkonsisti f'perjodu ta' prova ta' tliet xhur li fih persuna żagħżugħa ssir taf l-impjegatur, id-dmirijiet tax-xogħol u l-post tax-xogħol tagħha. Wara, jekk impjegatur u l-impjegat jaqblu bejniethom b'mod reċiproku, l-istrument jipprovdi għal sena ta' impjieg issussidjat.

Il-promozzjoni tal-impjieg indipendenti fost iż-żgħażagħ (l-Italja)

L-istrument finanzjarju "SELFIE-employment" tnieda f'Marzu 2016 biex jippromwovi l-impjieg indipendenti fost iż-żgħażagħ billi jgħinhom jaċċessaw mikrokrediti (sa EUR 25 000) u self żgħir (sa EUR 50 000). L-istrument għandu kapaċità totali ta' finanzjament ta'

---

[44] Ċerti Stati Membri estendew il-Garanzija għaż-Żgħażagħ għal żgħażagħ ta' 29 sena jew anqas.

[45] Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni "Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ: tliet snin wara", 2016.

madwar EUR 137 000 000 u se jibqa' għaddej sal-31 ta' Diċembru 2020.

"SELFIE-employment" għandu l-għan li jgħin liż-żgħażagħ li jixtiequ jiftħu negozju u jaħdmu għal rashom iżda li tipikament ma jirnexxilhomx isibu finanzjament permezz tal-kanali tradizzjonali. Jekk l-idea tan-negozju tiġi evalwata bħala waħda pożittiva, il-benefiċjarju jista' jikseb faċilitajiet ta' self permezz tal-Fond Rotanti Nazzjonali, imsejjaħ "SELFIEmployment Fund". Biex jitnaqqas ir-riskju assoċjat mal-ftuħ ta' negozju, l-aċċess għall-kreditu jintrabat mal-kundizzjoni li l-benefiċjarju jrid jieħu sehem f'taħriġ issorveljat mill-Kamra tal-Kummerċ reġjonali, u għall-ewwel 12-il xahar wara l-iffirmar tal-ftehim jiġu pprovduti servizzi ta' appoġġ.

***L-isfida strutturali: il-prestazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ***

<u>L-Ikkowċjar taż-Żgħażagħ (l-Awstrija)</u>

Il-programm L-Ikkowċjar taż-Żgħażagħ ifittex li jnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u jagħmel it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol aktar faċli billi jipprovdi appoġġ u gwida ppersonalizzati b'xejn dwar l-edukazzjoni u l-impjiegi u dwar kwistjonijiet personali jew soċjali li ż-żgħażagħ jistgħu jkunu qed jaffaċċjaw.

L-Ikkowċjar taż-Żgħażagħ jaħdem ma' tliet gruppi ta' żgħażagħ: dawk li jirriskjaw li jitilqu mis-sistema ta' edukazzjoni, iż-żgħażagħ li diġà telqu mis-sistema ta' edukazzjoni (skola, apprendistat) u li għandhom sa 19-il sena; u dawk bi ħtiġijiet edukattivi speċjali u/jew b'diżabilitajiet li għandhom sa 24 sena. L-Ikkowċjar taż-Żgħażagħ hu organizzat fi tliet passi, bl-aktar appoġġ intensiv (ġestjoni tal-każijiet) offrut fil-pass 3 u li jdum sa sena.

Żewġ fatturi kkontribwixxew għas-suċċess ta' dan il-programm. L-ewwel nett, approċċ flessibbli u komprensiv (ibbażat fuq sħubija mill-qrib bejn il-kowċijiet taż-żgħażagħ, l-iskejjel, is-servizz pubbliku tal-impjiegi, il-ħaddiema soċjali, l-ambjent tal-persuna żagħżugħa u, fejn xieraq, l-impjegaturi u partijiet ikkonċernati oħra, pereżempju, il-muniċipalitajiet) ifisser li l-għoti tas-servizz hu ffokat fuq il-persuna u jista' jitfassal apposta biex isostni lil klijenti li jaffaċċjaw diversi żvantaġġi. It-tieni, sistema ta' monitoraġġ ta' kwalità tajba tgħin biex dan jittejjeb kontinwament.

Il-bini ta' pontijiet għall-edukazzjoni (id-Danimarka)

Fid-Danimarka, l-inizjattiva "Il-Bini ta' Pontijiet għall-Edukazzjoni" tfittex li tħejji liż-żgħażagħ b'mod akkademiku, soċjali u personali biex jibdew u jlestu programm ta' edukazzjoni vokazzjonali. Il-proġett, li hu ġestit f'livell nazzjonali mis-servizz pubbliku tal-impjiegi, hu implimentat fi 12-il muniċipalità madwar il-pajjiż u jinvolvi 44 skola sieħba tal-ETV u 52 uffiċċju lokali tas-servizz pubbliku tal-impjiegi. Hu pprovdut finanzjament iddedikat lill-iskejjel biex jiġi appoġġat l-involviment tagħhom fil-proġett.

Il-korsijiet pont iseħħu f'ambjent edukattiv fi skola vokazzjonali fejn il-benefiċjarji jitħalltu ma' żgħażagħ oħra rreġistrati f'korsijiet regolari tal-ETV. Il-parteċipanti kollha għandhom skeda fissa u tipikament ikollhom l-opportunità li jieħdu sehem f'diversi korsijiet, f'taħriġ prattiku professjonali qasir, u f'kollokamenti ta' prova fi ħdan il-korsijiet tal-ETV. Fejn ikun hemm bżonn, iż-żgħażagħ jiġu offruti klassijiet fil-litteriżmu bażiku u fin-numeriżmu. Barra minn hekk, kull persuna żagħżugħa tiġi allokata gwida personali tat-taħriġ. L-enfasi tinxteħet fuq l-għoti ta' appoġġ liż-żgħażagħ fit-tranżizzjoni tagħhom mill-assistenza soċjali għall-edukazzjoni vokazzjonali u fis-sejbien tal-perkors edukattiv "it-tajjeb" għalihom. Il-korsijiet pont tipikament idumu 15-il ġimgħa, għad li t-tul jista' jvarja skont il-ħtiġijiet tal-persuna żagħżugħa.

Element innovattiv ta' dan il-proġett hu l-gwida mill-qrib li l-parteċipanti żgħażagħ jirċievu ("jinżammewlhom idejhom") matul it-tranżizzjoni tagħhom mill-assistenza soċjali għall-edukazzjoni, u b'hekk jinbnew pontijiet bejn iż-żewġ sistemi. Fatturi ewlenin ta' suċċess huma l-kooperazzjoni msaħħa bejn iċ-ċentri tal-impjiegi u l-istituzzjonijiet edukattivi, u t-taħriġ iddedikat tal-gwidi.

***L-isfida strutturali: id-disponibbiltà ta' esperjenza ta' xogħol ta' kwalità***

Taħriġ Prattiku ta' Tranżizzjoni (il-Belġju)

It-taħriġ prattiku ta' tranżizzjoni, li tnieda f'Mejju 2013, hu miżura ALMP fir-reġjun ta' Brussell tal-Belġju. Din il-miżura hi mmirata lejn il-persuni żgħażagħ li qed ifittxu impjieg u l-istudenti rreġistrati fis-servizz pubbliku tal-impjiegi, li l-livell edukattiv tagħhom ma jaqbiżx l-edukazzjoni sekondarja għolja.

Il-parteċipanti jistgħu jissieħbu f'kumpanija għal 3 sa 6 xhur biex jiksbu l-ewwel esperjenza professjonali u jżidu l-ħiliet tagħhom permezz ta' taħriġ fuq il-lant tax-xogħol. Il-miżura tixħet enfasi partikolari fuq l-ikkowċjar u s-segwitu tal-parteċipanti.

Il-programm Apprendistat Modern (ir-Renju Unit)

Bil-programm Apprendistat Modern, l-Iskozja qed timmira li żżid in-numru ta' apprendistati minn 25 000 fl-2013-2014 għal 30 000 fl-2020. B'mod simili, il-pjanijiet ta' investiment fil-ħiliet u l-valutazzjonijiet reġjonali tal-ħiliet jintużaw biex jiġi żgurat li l-apprendistati jkunu marbuta mill-qrib mal-oqsma tat-tkabbir ekonomiku u tal-opportunitajiet tax-xogħol. Tinxteħet enfasi partikolari fuq il-ħolqien ta' apprendistati fis-suġġetti STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika).

***L-isfida strutturali: il-kapaċità tas-servizz pubbliku tal-impjiegi biex jipprovdu b'mod effettiv servizzi u appoġġ imfassla apposta għaż-żgħażagħ***

Iċ-Ċentri għall-Gwida fil-Karriera Tul il-Ħajja, CISOKs (il-Kroazja)

Il-Kroazja għandha 11-il Ċentru għall-Gwida fil-Karriera Tul il-Ħajja (CISOKs) li jipprovdu servizzi ta' gwida fil-karriera b'xejn tul il-ħajja liċ-ċittadini kollha b'enfasi speċjali fuq iż-żgħażagħ, li jinkludu NEETs inattivi li mhumiex irreġistrati mas-servizz pubbliku tal-impjiegi. B'kollox sal-2020 huma ppjanati 22 ċentru.

L-intervent jgħaqqad servizzi bbażati fuq l-internet (kwestjonarji ta' awtovalutazzjoni, portal ta' skambju tal-impjiegi) permezz ta' portal fuq il-web (www.cisok.hr) u servizzi wiċċ imb wiċċ, li jinkludu konsulenza individwali/fi grupp dwar il-ħiliet ta' ġestjoni tal-karriera u sessjonijiet ta' ħidma dwar it-tekniki ta' tiftix ta' impjieg.

Iċ-Ċentri rnexxew bis-saħħa ta' numru ta' prattiki innovattivi. Il-finanzjament u l-forniment tas-servizzi huma bbażati fuq mudell mifrux ta' sħubija li jinvolvi muniċipalitajiet, entitajiet statali, NGOs, organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ, impjegaturi, sħab soċjali u skejjel. B'mod simili, CISOKs huma mibnija fuq mudell flessibbli ta' għoti ta' servizz, fejn is-servizzi jiġu adattati għall-kuntest lokali, li jinkludi l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol u l-organizzazzjonijiet sħab.

Barra minn hekk, il-pjanijiet ta' ħidma annwali u r-rapporti regolari ta' monitoraġġ jiżguraw rutina pożittiva ta' feedback fl-attivitajiet ta' twassil u ta' tfassil tas-servizz. L-appoġġ mill-konsulenti hu bbażat fuq mudell ta' servizzi differenzjati mfassla għall-profil tal-utent individwali. Finalment, iċ-ċaqliq tal-uffiċċji tas-CISOKs mill-bini tas-servizz pubbliku tal-impjiegi jgħin biex jiġu evitati l-prekonċezzjonijiet negattivi li ċerti utenti jista' jkollhom fir-rigward tas-servizz pubbliku tal-impjiegi.

Ċentru Uniku ta' Gwida għaż-żgħażagħ (il-Finlandja)

Fl-2015, il-Finlandja nediet ċentri uniċi ta' gwida għaż-żgħażagħ fil-muniċipalitajiet. Iċ-ċentri jipprovdu appoġġ b'limitazzjonijiet minimi liż-żgħażagħ kollha li għandhom anqas minn 30 sena, li jinkludi pariri u gwida personali, appoġġ fil-ġestjoni tal-ħajja, ippjanar tal-karriera, ħiliet soċjali, kif ukoll appoġġ fl-edukazzjoni u fl-impjieg.

L-iskop hu li jissaħħu u jiġu ssimplifikati s-servizzi għaż-żgħażagħ u tiġi eliminata d-duplikazzjoni tal-attivitajiet. Pakkett innovattiv u għan fit-tul ta' din il-miżura hu l-iżvilupp ta' mudell ta' gwida tal-karriera integrat, b'servizzi wiċċ imb wiċċ u online b'diversi kanali paralleli. Il-professjonisti f'ċentru ta' gwida jaħdmu bħala impjegati tal-organizzazzjonijiet ospitanti tagħhom iżda huma bbażati fil-bini komuni taċ-ċentru. Minbarra li jaqsmu l-istess spazju fiżiku, l-organizzazzjonijiet sħab jaġixxu taħt trademark komuni u jeżistu bħala netwerk, inkluż fi ħdan pjattaforma diġitali komuni.

Iċ-ċentru għandu aċċess għal servizzi funzjonali li jgħinu fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet taż-żgħażagħ u fit-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom biex ikampaw fil-ħajja ta' kuljum. Iċ-ċentru uniku ta' gwida jappoġġja liż-żgħażagħ sakemm tinstab soluzzjoni aktar fit-tul għas-sitwazzjoni tagħhom. Din is-soluzzjoni tista' tkun, pereżempju, li l-persuna żagħżugħa tikseb aċċess għas-servizzi offruti minn dawk fi ħdan in-netwerk kooperattiv, jew li dawn jibdew studji jew jibdew impjieg ġdid.

Is-sħubijiet jinsabu fil-qalba ta' din l-inizjattiva. Fost il-parteċipanti fin-netwerk kooperattiv wiesa' taċ-ċentru hemm numru ta' awtoritajiet governattivi, bħal esperti mis-servizz pubbliku tal-impjiegi, is-servizzi muniċipali soċjali u tas-saħħa, is-servizzi muniċipali taż-żgħażagħ, l-uffiċċju tas-sigurtà soċjali, l-istituzzjonijiet edukattivi u workshops. Barra minn hekk, hemm numru ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi li jieħdu sehem u gruppi involuti f'xogħol volontarju jew f'attivitajiet oħra relatati maż-żgħażagħ. Iċ-ċentru uniku ta' gwida jopera wkoll bħala ħolqa bejn iż-żgħażagħ u l-imprendituri jew l-organizzazzjonijiet kummerċjali. Iż-żgħażagħ infushom għandhom ukoll rwol attiv fit-tfassil u fl-evalwazzjoni taċ-ċentri u huma involuti fl-attivitajiet ta' kuljum.

Biex jagħmluhom aċċessibbli, iċ-ċentri huma bbażati f'postijiet b'aċċess faċli għaż-żgħażagħ, bħall-istabbilimenti ta' ħwienet. Barra minn hekk, iċ-ċentri ma jappoġġawx lill-aktar żgħażagħ vulnerabbli biss. Dan biex tiġi evitata stigmatizzazzjoni fi ħdan il-popolazzjoni fil-mira.

Il-Medjaturi taż-Żgħażagħ (il-Bulgarija)

Il-miżura "Medjaturi taż-Żgħażagħ" tnediet fl-2015 biex tidentifika, tilħaq u tattiva NEETs li mhumiex irreġistrati fis-servizz pubbliku tal-impjiegi. Iż-żgħażagħ qiegħda b'edukazzjoni għolja tħarrġu bħala "Medjaturi taż-Żgħażagħ" u issa qed jaħdmu għall-muniċipalitajiet madwar il-Bulgarija.

Il-medjaturi taż-żgħażagħ jaġixxu bħala intermedjarji bejn iż-żgħażagħ inattivi u l-istituzzjonijiet pubbliċi li jipprovdu servizzi soċjali, tas-saħħa, edukattivi u oħrajn. Ir-responsabbiltajiet tagħhom jinkludu: l-identifikazzjoni u l-ilħiq ta' NEETs mhux irreġistrati, id-determinazzjoni tal-ħtiġijiet individwali tagħhom, l-informar tagħhom dwar l-opportunitajiet ta' xogħol, ta' edukazzjoni u ta' taħriġ, u l-iggwidar tagħhom lejn is-servizzi xierqa.

B'mod aktar ġenerali, il-medjaturi taż-żgħażagħ jikkooperaw mas-sħab lokali biex jappoġġjaw l-integrazzjoni ulterjuri tal-għoti tas-servizzi lin-NEETs. Dawn jaħdmu, pereżempju, ma' NGOs lokali biex jappoġġjaw attivitajiet ta' komunikazzjoni, ma' medjaturi tax-xogħol tas-servizz pubbliku tal-impjiegi dwar l-iskambju ta' postijiet vakanti u l-kooperazzjoni mal-impjegaturi, u mal-iskejjel biex jgħinu lin-NEETs jerġgħu jintegraw fis-sistema edukattiva.

Timijiet b'diversi ħiliet biex jappoġġjaw liż-żgħażagħ bi bżonnijiet kumplessi (l-Iżvezja)

Fl-Iżvezja, il-proġett UngKOMP jaħdem biex itejjeb l-effiċjenza tas-servizz pubbliku tal-impjiegi u jgħinu jikkoopera aħjar mal-muniċipalitajiet b'appoġġ tal-qiegħda żgħażagħ. Jagħmel dan billi joħloq timijiet b'diversi ħiliet li jinkludu impjegati mis-servizz pubbliku tal-impjiegi u mill-muniċipalitajiet.

Il-miżura qed tiġi stabbilita f'20 muniċipalità matul l-2015-2018; kull tim b'diversi ħiliet hu msawwar minn 12 sa 17-il impjegat tas-servizz pubbliku tal-impjiegi u minn 2 impjegati muniċipali u jinkludi konsulent dwar l-impjiegi, psikologu, konsulent soċjali, konsulent dwar l-edukazzjoni u assistent soċjali. Il-miżura se tappoġġa 5000 persuna żagħżugħa li ilha qiegħda fit-tul jew li tinsab f'riskju ta' qgħad fit-tul u se tiffoka fuq dawk bi bżonnijiet kumplessi.

Il-miżura hi mfassla mill-perspettiva tal-persuna żagħżugħa. Minflok ma ġġiegħel liż-żgħażagħ isibu fejn iridu jmorru f'nisġa kumplessa ta' servizzi pubbliċi, din tipprovdi approċċ komprensiv bl-individwu mqiegħed fiċ-ċentru. Dan l-approċċ hu partikolarment siewi għaż-żgħażagħ bi bżonnijiet kumplessi u b'inċentiv baxx biex jidħlu f'kuntatt mal-awtoritajiet. Il-parteċipazzjoni hi volontarja, u l-laqgħat isiru f'ambjent ispirat minn salotti biex jingħataw sensazzjoni anqas formali.

Data: 28.9.2017

## 5. REFERENZI


- Bell, David N.F. u Blanchflower, David G., "Young people and the great recession", Oxford Review of Economic Policy 27(2): 241-267, 2011
- Cedefop, On the way to 2020: data for vocational education and training policies: country statistical overviews, Cedefop research paper No 45, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2015 http://www.cedefop.europa.eu/mt/publications-and-resources/publications/5545
- Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014H0327(01)
- Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:C:2013:120:0001:0006:MT:PDF
- Eichhorst, W. Fixed-term contracts. IZA World of Labor 2014: 45 doi: 10.15185/izawol.45
- Ewrobarometru Flash 378: The experience of traineeships in the EU, 2013 http://data.europa.eu/euodp/mt/data/dataset/S1091_378
- Eurofound, Exploring the Diversity of NEETs, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2016 https://www.eurofound.europa.eu/mt/publications/report/2016/labour-market-social-policies/exploring-the-diversity-of-neets
- Eurofound, Working conditions of young entrants to the labour market, 2013 http://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef_files/docs/ewco/tn1306013s/tn1306013s.pdf
- Eurofound, Fraudulent contracting of work: Abusing traineeship status (Austria, Finland, Spain and UK), 2017
- Il-Kummissjoni Ewropea, "Apprenticeship and Traineeship Schemes in EU27: Key Success Factors A Guidebook for Policy Planners and Practitioners", 2013 http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/repository/education/policy/vocational-policy/doc/alliance/apprentice-trainee-success-factors_en.pdf
- Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja d-dokument Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ: tliet snin wara" http://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?qid=1475848244336&uri=CELEX:52016SC0323
- Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ: tliet snin wara" http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1475848174477&uri=CELEX:52016DC0646
- Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "L-istabbiliment tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali" http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=COM:2017:0250:FIN

- Il-Kummissjoni Ewropea, Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali, li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “L-istabbiliment tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali” http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1494929282379&uri=CELEX:52017SC0200

- Il-Kummissjoni Ewropea, Employment and Social Developments in Europe — Annual Review 2017 http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=mt&pubId=8030

- Il-Kummissjoni Ewropea, Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2015 http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/repository/education/library/publications/monitor15_en.pdf

- In-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, Report on PES Implementation of the Youth Guarantee
  - 2015: http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=14322&langId=en
  - 2016: http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=14322&langId=en

- Il-Forum Ewropew taż-Żgħażagħ, Interns Revealed – A survey on internship quality in Europe, 2011

- Fondeville N. u Ward T., “Scarring effects of the crisis”, Research note 06/2014, Social Situation Monitor, Il-Kummissjoni Ewropea, 2014 http://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=13626&langId=en

- Nota ta’ Diskussjoni tal-Persunal tal-FMI, “Youth Unemployment in Advanced Economies in Europe: Searching for Solutions”, Diċembru 2014

- Kluve, J., Youth labour market interventions, IZA World of Labour, 2014

- Scarpetta S., A. Sonnet u T. Manfredi, “Rising youth unemployment during the crisis: how to prevent negative long-term consequences on a generation?”, OECD Social, Employment and Migration Papers, No 106, 2015

- Strandh, M., Winefield, A., Nilsson, K. u Hammarström, A. “Unemployment and mental health scarring during the life course”, Eur J Public Health 24:440-5, 2014

## 6. RIŻORSI UTLI


- Caliendo M., Schmidl R., Youth Unemployment and Active Labor Market Policies in Europe, Novembru 2015, IZA DP No 9488

- Carcillo, S., Fernández, R. u Königs, S., "NEET Youth in the Aftermath of the Crisis: Challenges and Policies", OECD Social, Employment and Migration Working Papers, No 164, OECD Publishing, Pariġi, 2015

- Eurofound, "NEETs young people not in employment education and training, characteristics, costs and policy responses", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2012 https://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef_publication/field_ef_document/ef1254en.pdf

- Eurofound,"Mapping youth transitions in Europe", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2014 http://www.eurofound.europa.eu/sites/default/files/ef_publication/field_ef_document/ef1392en_0.pdf

- Is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Impjieg taż-Żgħażagħ http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1036&langId=mt

- Is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Garanzija għaż-Żgħażagħ: Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ pajjiż, pajjiż http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1161&langId=mt

- Is-sit web tan-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi http://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=1100&langId=mt

- ILO, is-sit web tal-Impjieg taż-Żgħażagħ http://www.ilo.org/global/topics/youth-employment/lang--en/index.htm

- Dokument ta' ħidma tal-FMI: Youth Unemployment in Advanced Europe: Okun's law and Beyond, 2015

- OECD, is-sit web "work on Youth" tal-OECD http://www.oecd.org/youth.htm

- OECD, "The OECD Skills Outlook 2015: Youth, Skills and Employability" http://www.oecd.org/edu/oecd-skills-outlook-2015-9789264234178-en.htm

- OECD (2016), "the NEET challenge: what can be done for jobless and disengaged youth?", Marzu 2016

## ANNESS

**Tabella 1 — Ir-rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ għall-popolazzjoni ta' taħt il-25 sena fl-Istati Membri, 2007 – 2016,% tal-popolazzjoni attiva taħt il-25 sena**

| | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| UE 28 | 15.9 | 15.9 | 20.3 | 21.4 | 21.7 | 23.3 | 23.7 | 22.2 | 20.3 | 18.7 |
| Il-Belġju | 18.8 | 18.0 | 21.9 | 22.4 | 18.7 | 19.8 | 23.7 | 23.2 | 22.1 | 20.1 |
| Il-Bulgarija | 14.1 | 11.9 | 15.1 | 21.9 | 25.0 | 28.1 | 28.4 | 23.8 | 21.6 | 17.2 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 10.7 | 9.9 | 16.6 | 18.3 | 18.1 | 19.5 | 18.9 | 15.9 | 12.6 | 10.5 |
| Id-Danimarka | 7.5 | 8.0 | 11.8 | 13.9 | 14.2 | 14.1 | 13.0 | 12.6 | 10.8 | 12.0 |
| Il-Ġermanja | 11.8 | 10.4 | 11.1 | 9.8 | 8.5 | 8.0 | 7.8 | 7.7 | 7.2 | 7.1 |
| L-Estonja | 10.1 | 12.0 | 27.4 | 32.9 | 22.4 | 20.9 | 18.7 | 15.0 | 13.1 | 13.4 |
| L-Irlanda | 9.1 | 13.3 | 24.0 | 27.6 | 29.1 | 30.4 | 26.8 | 23.9 | 20.9 | 17.2 |
| Il-Ġreċja | 22.7 | 21.9 | 25.7 | 33.0 | 44.7 | 55.3 | 58.3 | 52.4 | 49.8 | 47.3 |
| Spanja | 18.1 | 24.5 | 37.7 | 41.5 | 46.2 | 52.9 | 55.5 | 53.2 | 48.3 | 44.4 |
| Franza | 19.5 | 19.0 | 23.6 | 23.3 | 22.7 | 24.4 | 24.9 | 24.2 | 24.7 | 24.6 |
| Il-Kroazja | 25.4 | 23.6 | 25.4 | 32.3 | 36.6 | 42.2 | 49.9 | 44.9 | 42.3 | 31.5 |
| L-Italja | 20.4 | 21.2 | 25.3 | 27.9 | 29.2 | 35.3 | 40.0 | 42.7 | 40.3 | 37.8 |
| Ċipru | 10.2 | 9.0 | 13.8 | 16.6 | 22.4 | 27.7 | 38.9 | 36.0 | 32.8 | 29.1 |
| Il-Latvja | 10.6 | 13.6 | 33.3 | 36.2 | 31.0 | 28.5 | 23.2 | 19.6 | 16.3 | 17.3 |
| Il-Litwanja | 8.4 | 13.3 | 29.6 | 35.7 | 32.6 | 26.7 | 21.9 | 19.3 | 16.3 | 14.5 |
| Il-Lussemburgu | 15.6 | 17.3 | 16.5 | 15.8 | 16.4 | 18.0 | 16.9 | 22.3 | 16.6 | 19.1 |
| L-Ungerija | 18.1 | 19.5 | 26.4 | 26.4 | 26.0 | 28.2 | 26.6 | 20.4 | 17.3 | 12.9 |
| Malta | 13.5 | 11.7 | 14.5 | 13.2 | 13.3 | 14.1 | 13.0 | 11.7 | 11.8 | 11.0 |
| In-Netherlands | 9.4 | 8.6 | 10.2 | 11.1 | 10.0 | 11.7 | 13.2 | 12.7 | 11.3 | 10.8 |
| L-Awstrija | 9.4 | 8.5 | 10.7 | 9.5 | 8.9 | 9.4 | 9.7 | 10.3 | 10.6 | 11.2 |
| Il-Polonja | 21.6 | 17.2 | 20.6 | 23.7 | 25.8 | 26.5 | 27.3 | 23.9 | 20.8 | 17.7 |
| Il-Portugall | 21.4 | 21.6 | 25.3 | 28.2 | 30.2 | 38.0 | 38.1 | 34.7 | 32.0 | 28.2 |
| Ir-Rumanija | 19.3 | 17.6 | 20.0 | 22.1 | 23.9 | 22.6 | 23.7 | 24.0 | 21.7 | 20.6 |
| Is-Slovenja | 10.1 | 10.4 | 13.6 | 14.7 | 15.7 | 20.6 | 21.6 | 20.2 | 16.3 | 15.2 |
| Is-Slovakkja | 20.6 | 19.3 | 27.6 | 33.9 | 33.7 | 34.0 | 33.7 | 29.7 | 26.5 | 22.2 |
| Il-Finlandja | 16.5 | 16.5 | 21.5 | 21.4 | 20.1 | 19.0 | 19.9 | 20.5 | 22.4 | 20.1 |
| L-Iżvezja | 19.2 | 20.2 | 25.0 | 24.8 | 22.8 | 23.7 | 23.6 | 22.9 | 20.4 | 18.9 |
| Ir-Renju Unit | 14.3 | 15.0 | 19.1 | 19.9 | 21.3 | 21.2 | 20.7 | 17.0 | 14.6 | 13.0 |

*Sors: Eurostat, Unemployment rate by sex and age groups — annual average,% [une_rt_a]*

**Tabella 2 — Ir-rata ta' NEETs għall-popolazzjoni ta' 15-24 sena fl-Istati Membri, 2007 – 2016,% tal-popolazzjoni 15-24**

| | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| UE 28 | 11.0 | 10.9 | 12.4 | 12.8 | 12.9 | 13.2 | 13.0 | 12.5 | 12.0 | 11.5 |
| Il-Belġju | 11.2 | 10.1 | 11.1 | 10.9 | 11.8 | 12.3 | 12.7 | 12.0 | 12.2 | 9.9 |
| Il-Bulgarija | 19.1 | 17.4 | 19.5 | 21.0 | 21.8 | 21.5 | 21.6 | 20.2 | 19.3 | 18.2 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 6.9 | 6.7 | 8.5 | 8.8 | 8.3 | 8.9 | 9.1 | 8.1 | 7.5 | 7.0 |
| Id-Danimarka | 4.3 | 4.3 | 5.4 | 6.0 | 6.3 | 6.6 | 6.0 | 5.8 | 6.2 | 5.8 |
| Il-Ġermanja | 8.9 | 8.4 | 8.8 | 8.3 | 7.5 | 7.1 | 6.3 | 6.4 | 6.2 | 6.6 |
| L-Estonja | 8.9 | 8.7 | 14.5 | 14.0 | 11.6 | 12.2 | 11.3 | 11.7 | 10.8 | 9.1 |
| L-Irlanda | 10.8 | 15.0 | 18.6 | 19.2 | 18.8 | 18.7 | 16.1 | 15.2 | 14.3 | 13.0 |
| Il-Ġreċja | 11.3 | 11.4 | 12.4 | 14.8 | 17.4 | 20.2 | 20.4 | 19.1 | 17.2 | 15.8 |
| Spanja | 12.0 | 14.3 | 18.1 | 17.8 | 18.2 | 18.6 | 18.6 | 17.1 | 15.6 | 14.6 |
| Franza | 10.7 | 10.5 | 12.7 | 12.7 | 12.3 | 12.5 | 11.2 | 11.4 | 12.0 | 11.9 |
| Il-Kroazja | 12.9 | 11.6 | 13.4 | 15.7 | 16.2 | 16.6 | 19.6 | 19.3 | 18.1 | 16.9 |
| L-Italja | 16.1 | 16.6 | 17.6 | 19.0 | 19.7 | 21.0 | 22.2 | 22.1 | 21.4 | 19.9 |
| Ċipru | 9.0 | 9.7 | 9.9 | 11.7 | 14.6 | 16.0 | 18.7 | 17.0 | 15.3 | 15.9 |
| Il-Latvja | 11.9 | 11.8 | 17.5 | 17.8 | 16.0 | 14.9 | 13.0 | 12.0 | 10.5 | 11.2 |
| Il-Litwanja | 7.1 | 8.8 | 12.1 | 13.2 | 11.8 | 11.2 | 11.1 | 9.9 | 9.2 | 9.4 |
| Il-Lussemburgu | 5.7 | 6.2 | 5.8 | 5.1 | 4.7 | 5.9 | 5.0 | 6.3 | 6.2 | 5.4 |
| L-Ungerija | 11.5 | 11.5 | 13.6 | 12.6 | 13.2 | 14.8 | 15.5 | 13.6 | 11.6 | 11.0 |
| Malta | 11.5 | 8.3 | 9.9 | 9.5 | 10.2 | 10.6 | 9.9 | 10.5 | 10.4 | 8.6 |
| In-Netherlands | 3.5 | 3.4 | 4.1 | 4.3 | 4.3 | 4.9 | 5.6 | 5.5 | 4.7 | 4.6 |
| L-Awstrija | 7.4 | 7.4 | 8.2 | 7.4 | 7.3 | 6.8 | 7.3 | 7.7 | 7.5 | 7.7 |
| Il-Polonja | 10.6 | 9.0 | 10.1 | 10.8 | 11.5 | 11.8 | 12.2 | 12.0 | 11.0 | 10.5 |
| Il-Portugall | 11.2 | 10.2 | 11.2 | 11.4 | 12.6 | 13.9 | 14.1 | 12.3 | 11.3 | 10.6 |
| Ir-Rumanija | 13.3 | 11.6 | 13.9 | 16.6 | 17.5 | 16.8 | 17.0 | 17.0 | 18.1 | 17.4 |
| Is-Slovenja | 6.7 | 6.5 | 7.5 | 7.1 | 7.1 | 9.3 | 9.2 | 9.4 | 9.5 | 8.0 |
| Is-Slovakkja | 12.5 | 11.1 | 12.5 | 14.1 | 13.8 | 13.8 | 13.7 | 12.8 | 13.7 | 12.3 |
| Il-Finlandja | 7.0 | 7.8 | 9.9 | 9.0 | 8.4 | 8.6 | 9.3 | 10.2 | 10.6 | 9.9 |
| L-Iżvezja | 7.5 | 7.8 | 9.6 | 7.7 | 7.5 | 7.8 | 7.5 | 7.2 | 6.7 | 6.5 |
| Ir-Renju Unit | 11.9 | 12.1 | 13.2 | 13.6 | 14.2 | 13.9 | 13.2 | 11.9 | 11.1 | 10.9 |

*Sors: Eurostat, Young people neither in employment nor in education and training by sex and age (NEET rates) [edat_lfse_20]*

**Tabella 3 —Il-proporzjon ta' qgħad fost iż-żgħażagħ, il-popolazzjoni ta' 15-24 sena fl-Istati Membri, 2007 – 2016,% tal-popolazzjoni totali ta' 15-24 sena**

| | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| UE 28 | 6.9 | 6.9 | 8.7 | 9.1 | 9.2 | 9.8 | 9.9 | 9.2 | 8.4 | 7.7 |
| Il-Belġju | 6.4 | 6.0 | 7.1 | 7.3 | 6.0 | 6.2 | 7.3 | 7.0 | 6.6 | 5.7 |
| Il-Bulgarija | 4.2 | 3.7 | 4.6 | 6.8 | 7.4 | 8.5 | 8.4 | 6.5 | 5.6 | 4.1 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 3.4 | 3.1 | 5.3 | 5.7 | 5.4 | 6.1 | 6.0 | 5.1 | 4.1 | 3.4 |
| Id-Danimarka | 5.3 | 5.8 | 8.4 | 9.4 | 9.6 | 9.1 | 8.1 | 7.8 | 6.7 | 7.9 |
| Il-Ġermanja | 6.1 | 5.5 | 5.8 | 5.0 | 4.5 | 4.1 | 4.0 | 3.9 | 3.5 | 3.5 |
| L-Estonja | 3.8 | 4.9 | 10.7 | 12.4 | 9.0 | 8.5 | 7.4 | 5.9 | 5.5 | 5.8 |
| L-Irlanda | 5.1 | 7.1 | 11.7 | 12.0 | 12.1 | 12.3 | 10.6 | 8.9 | 7.6 | 6.7 |
| Il-Greċja | 7.0 | 6.6 | 7.9 | 9.9 | 13.0 | 16.1 | 16.5 | 14.7 | 12.9 | 11.7 |
| Spanja | 8.7 | 11.7 | 17.0 | 17.7 | 18.9 | 20.6 | 21.0 | 19.0 | 16.8 | 14.7 |
| Franza | 7.2 | 7.1 | 9.1 | 8.8 | 8.3 | 8.8 | 9.0 | 8.7 | 9.0 | 9.0 |
| Il-Kroazja | 9.2 | 8.7 | 9.2 | 11.6 | 11.9 | 12.7 | 14.9 | 15.3 | 14.0 | 11.6 |
| L-Italja | 6.3 | 6.5 | 7.3 | 7.8 | 7.9 | 10.1 | 10.9 | 11.6 | 10.6 | 10.0 |
| Ċipru | 4.2 | 3.8 | 5.6 | 6.7 | 8.7 | 10.8 | 14.9 | 14.5 | 12.4 | 10.8 |
| Il-Latvja | 4.5 | 5.8 | 13.7 | 14.4 | 11.6 | 11.5 | 9.1 | 7.9 | 6.7 | 6.9 |
| Il-Litwanja | 2.3 | 4.0 | 8.7 | 10.2 | 9.2 | 7.8 | 6.9 | 6.6 | 5.5 | 5.1 |
| Il-Lussemburgu | 4.0 | 5.2 | 5.5 | 3.5 | 4.2 | 5.0 | 4.0 | 6.0 | 6.1 | 5.8 |
| L-Ungerija | 4.6 | 4.9 | 6.5 | 6.6 | 6.3 | 7.2 | 7.3 | 6.0 | 5.4 | 4.2 |
| Malta | 7.3 | 6.1 | 7.5 | 6.7 | 6.9 | 7.2 | 6.9 | 6.1 | 6.1 | 5.7 |
| In-Netherlands | 4.3 | 3.9 | 4.8 | 6.0 | 6.8 | 8.1 | 9.1 | 8.6 | 7.7 | 7.4 |
| L-Awstrija | 5.6 | 5.1 | 6.4 | 5.5 | 5.3 | 5.6 | 5.7 | 6.0 | 6.1 | 6.5 |
| Il-Polonja | 7.1 | 5.7 | 6.9 | 8.2 | 8.6 | 8.9 | 9.1 | 8.1 | 6.8 | 6.1 |
| Il-Portugall | 8.6 | 8.5 | 9.9 | 10.3 | 11.5 | 14.1 | 13.3 | 11.9 | 10.7 | 9.3 |
| Ir-Rumanija | 6.1 | 5.7 | 6.4 | 6.9 | 7.3 | 6.9 | 7.1 | 7.1 | 6.8 | 5.8 |
| Is-Slovenja | 4.2 | 4.5 | 5.6 | 5.9 | 5.9 | 7.1 | 7.3 | 6.8 | 5.8 | 5.1 |
| Is-Slovakkja | 7.1 | 6.2 | 8.6 | 10.4 | 10.1 | 10.4 | 10.4 | 9.2 | 8.4 | 7.2 |
| Il-Finlandja | 8.8 | 8.8 | 10.9 | 10.6 | 10.1 | 9.8 | 10.3 | 10.7 | 11.7 | 10.5 |
| L-Iżvezja | 10.1 | 10.7 | 12.8 | 12.8 | 12.1 | 12.4 | 12.8 | 12.7 | 11.2 | 10.4 |
| Ir-Renju Unit | 8.8 | 9.2 | 11.3 | 11.6 | 12.4 | 12.4 | 12.1 | 9.8 | 8.6 | 7.6 |

*Sors: Eurostat, Unemployment rate by sex and age groups — annual average,% [une_rt_a]*

**Tabella 4 —Ir-rata tal-qgħad fit-tul fost iż-żgħażagħ (12-il xahar jew aktar), il-popolazzjoni ta' 15-24 sena fl-Istati Membri, 2007 – 2016,% tal-popolazzjoni attiva ta' 15-24 sena**

| | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| UE 28 | 4.0 | 3.5 | 4.6 | 6.0 | 6.5 | 7.5 | 8.0 | 7.8 | 6.5 | 5.4 |
| Il-Belġju | 5.6 | 4.9 | 5.7 | 6.7 | 6.0 | 5.8 | 7.3 | 8.0 | 7.9 | 6.3 |
| Il-Bulgarija | 6.3 | 5.0 | 5.2 | 8.9 | 12.1 | 13.8 | 13.2 | 11.7 | 11.1 | 8.0 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 3.5 | 3.1 | 3.3 | 5.8 | 5.3 | 6.5 | 6.2 | 4.4 | 3.8 | 2.5 |
| Id-Danimarka | : | : | : | 0.9 | 1.4 | 1.3 | 1.3 | 1.1 | 0.9 | 1.0 |
| Il-Ġermanja | 3.7 | 3.0 | 3.0 | 2.6 | 2.0 | 1.9 | 1.8 | 1.8 | 1.6 | 1.5 |
| L-Estonja | 3.1 | 2.9 | 7.0 | 12.2 | 8.8 | 6.2 | 6.5 | 4.4 | 2.0 | 2.7 |
| L-Irlanda | 1.9 | 2.5 | 6.1 | 11.5 | 13.4 | 14.5 | 10.9 | 9.2 | 7.8 | 5.8 |
| Il-Ġreċja | 9.4 | 7.8 | 7.9 | 11.7 | 18.9 | 27.1 | 30.3 | 31.5 | 28.0 | 25.1 |
| Spanja | 1.8 | 2.5 | 6.9 | 12.1 | 15.0 | 18.9 | 21.9 | 21.5 | 16.9 | 12.8 |
| Franza | 4.4 | 4.3 | 5.8 | 6.6 | 6.0 | 6.5 | 6.5 | 7.2 | 7.0 | 7.0 |
| Il-Kroazja | 11.6 | 10.5 | 11.0 | 16.0 | 19.9 | 23.2 | 25.3 | 22.6 | 20.2 | 12.5 |
| L-Italja | 8.2 | 8.0 | 10.1 | 12.3 | 13.7 | 17.3 | 21.0 | 25.1 | 22.0 | 19.4 |
| Ċipru | 2.4 | : | 1.3 | 2.8 | 3.9 | 6.9 | 12.7 | 10.7 | 8.0 | 5.5 |
| Il-Latvja | 1.2 | 1.8 | 6.9 | 12.0 | 10.2 | 8.9 | 6.8 | 4.7 | 4.4 | 5.0 |
| Il-Litwanja | : | : | 5.2 | 10.8 | 11.1 | 6.8 | 4.4 | 4.4 | : | : |
| Il-Lussemburgu | : | 3.9 | : | 3.7 | 3.8 | 3.6 | 3.6 | : | : | : |
| L-Ungerija | 6.5 | 6.2 | 7.8 | 10.3 | 9.3 | 9.1 | 8.6 | 6.7 | 4.6 | 3.6 |
| Malta | 3.7 | 3.2 | 4.5 | 3.9 | 4.1 | 4.5 | 3.2 | 3.2 | 3.5 | 2.6 |
| In-Netherlands | 0.7 | 0.5 | 0.7 | 1.0 | 1.3 | 1.5 | 2.2 | 2.3 | 2.0 | 1.7 |
| L-Awstrija | 1.3 | 1.2 | 1.4 | 1.6 | 1.3 | 1.4 | 1.4 | 1.4 | 1.7 | 2.0 |
| Il-Polonja | 7.5 | 3.8 | 4.4 | 4.8 | 6.8 | 8.0 | 8.7 | 7.4 | 6.1 | 4.3 |
| Il-Portugall | 4.6 | 4.2 | 5.4 | 6.9 | 8.0 | 11.7 | 13.8 | 12.6 | 9.9 | 8.2 |
| Ir-Rumanija | 9.7 | 8.1 | 6.1 | 7.2 | 9.5 | 9.4 | 9.0 | 8.7 | 8.1 | 8.7 |
| Is-Slovenja | 3.0 | 2.1 | 2.8 | 4.9 | 5.5 | 6.6 | 8.5 | 7.6 | 5.8 | 6.7 |
| Is-Slovakkja | 11.6 | 10.0 | 11.4 | 18.4 | 18.2 | 19.2 | 20.6 | 17.0 | 14.4 | 10.6 |
| Il-Finlandja | 0.9 | : | 1.0 | 1.6 | 1.0 | 0.9 | 1.0 | 1.0 | 1.7 | 1.5 |
| L-Iżvezja | 0.7 | 0.7 | 1.1 | 1.7 | 1.5 | 1.6 | 1.5 | 1.3 | 1.2 | 0.9 |
| Ir-Renju Unit | 2.2 | 2.4 | 3.6 | 4.7 | 5.2 | 5.8 | 5.9 | 4.7 | 3.2 | 2.2 |

*Sors: Eurostat, Youth long-term unemployment rate (12 months or longer) by sex and age [yth_empl_120]*

**Tabella 5 — Ir-rata ta' NEETs skont l-istatus tal-attività, il-popolazzjoni ta' 15-24 sena fl-Istati Membri, 2016,% tal-popolazzjoni 15-24**

| | NEETs inattivi | NEETs qiegħda | NEETs (totali) |
|---|---|---|---|
| UE 28 | 6.2 | 5.4 | 11.5 |
| Il-Belġju | 5.2 | 4.7 | 9.9 |
| Il-Bulgarija | 14.5 | 3.7 | 18.2 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 4.2 | 2.8 | 7.0 |
| Id-Danimarka | 3.8 | 2.0 | 5.8 |
| Il-Ġermanja | 4.3 | 2.3 | 6.6 |
| L-Estonja | 5.5 | 3.6 | 9.1 |
| L-Irlanda | 7.9 | 5.1 | 13.0 |
| Il-Ġreċja | 6.2 | 9.6 | 15.8 |
| Spanja | 5.2 | 9.4 | 14.6 |
| Franza | 5.4 | 6.5 | 11.9 |
| Il-Kroazja | 6.0 | 10.9 | 16.9 |
| L-Italja | 11.0 | 8.9 | 19.9 |
| Ċipru | 7.9 | 8.0 | 15.9 |
| Il-Latvja | 5.7 | 5.5 | 11.2 |
| Il-Litwanja | 5.2 | 4.2 | 9.4 |
| Il-Lussemburgu | 2.5 | 2.8 | 5.4 |
| L-Ungerija | 7.2 | 3.8 | 11.0 |
| Malta | 4.7 | 4.0 | 8.6 |
| In-Netherlands | 2.9 | 1.7 | 4.6 |
| L-Awstrija | 3.8 | 3.9 | 7.7 |
| Il-Polonja | 5.7 | 4.9 | 10.5 |
| Il-Portugall | 4.1 | 6.5 | 10.6 |
| Ir-Rumanija | 12.0 | 5.4 | 17.4 |
| Is-Slovenja | 4.1 | 4.0 | 8.0 |
| Is-Slovakkja | 5.4 | 6.9 | 12.3 |
| Il-Finlandja | 5.8 | 4.2 | 9.9 |
| L-Iżvezja | 3.8 | 2.7 | 6.5 |
| Ir-Renju Unit | 6.3 | 4.6 | 10.9 |

*Sors: Eurostat, Young people neither in employment nor in education and training by sex and age (NEET rates) [edat_lfse_20]*